# Kunsill Lokali Ħal Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404.
Telefon : 21689168, 21641487, 21640290 Fax : 21689796
E-Mail : safi.lc@gov.mt Web Page : www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru ħamsa u erbgħin (45) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tlieta, 1 ta' Diċembru, 2009, fil-5.00pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| PREŻENTI: | | |
|---|---|---|
| | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |

1. Il-**laqgħa kienet preseduta mis-Sindku** li qal it-talba tal-bidu.

2. Ittieħdu bħala moqrija il-**minuti tas-seduta numru 43** u inqraw il-minuti tas-seduta 44 tas-26 ta' Novembru, 2009. Dawn sarulhom il-korrezzjonijiet li jidhru bil-linka inizjalati fuq il-kopja oriġinali u ġew approvati u ffirmati.

3. Dwar id-***dome camera*** li tissemma fis-seduta preċedenti, se nibgħatu l-ispeċifikazzjonijiet lis-Sur Chris Ellul ħalli naraw x'se jkun il-parir tiegħu, biex jekk inhi addattata għalina, nakkwistawha sabiex tiġi nstallata quddiem id-daħla prinċipali tal-bini amministrattiv, eżattament fil-ġnien pubbliku.

4. Il-**mera tat-traffiku** mitluba fil-Karwija, mhix se teħel. F'dan is-sit il-viċi sindku qal li jekk inhu possibbli għandna npoġġu wkoll tabella li turi li f'dan il-post hawn *stores exit*, bħal dik li jpoġġu fi triq importanti għat-trakkijiet f'daħla ta' xi impjant tal-kostruzzjoni.

5. Biex tkun tista' ssir l-**istima għar-restawr** ta' l-istatwa tad-Duluri, se nitolbu dan bil-miktub lir-restawratur is-Sur Frank Chetcuti. Minkejja li r-restawr fuq l-istatwa ta' San Ġużepp issa huwa lest, se naraw kif nagħmlu biex inwaħħlu l-iskrizzjoni li hemm nieqsa, magħrufa bħala dik ta' l-indulġenza/i plenarja/i, għax issa l-KLĦS qata' qalbu li nsibu eżattamanent x'kien hemm miktub fuq dik oriġinali peress li ntilfet. Iżda dwar dan, se nfittxu fuq pubblikazzjoni ta' l-istoriku Tony Terribile u jekk ma jinstab xejn se nonqxu is-sena fuq ir-replika. Kienu deċiżi it-tpoġġija ta' dawl solari quddiem l-istatwa kif ukoll riflettur għal fuqha.

6. Il-KLĦS għadu qed jistenna ir-**rapport tad-*draughtsman*** tal-Perit Robert Musumeci li kien għamel spezzjoni fis-sit tal-Karwija u r-runway ta' l-ajruport internazzjonali ta' Malta, fejn hemm il-ġiebja li qed tilqa' l-ilma minn din it-triq. Dan għaliex minkejja dan kollu, għadu jinġabar ħafna ilma.

7. Intqal tul din is-seduta li l-kollettur ta' l-iskart għad għandu problema bil-ġbir ta' l-iskart fir-***Refuse Collection Vehicle***, għaliex dan x'ħin jagħsar, qed iqattarlu fit-triq. Għaldaqstant, se ninsistu biex jew jirranġaha jew inkella jibdel il-vettura tiegħu peress li għandu *back-up*.

8. F'dan il-punt id-DSE semma' li bdejna nirċievu l-**kontijiet tar-rimi ta' l-iskart fil-*landfill*** minn Ottubru, 2009. Minn dettalji li għandu id-DSE, wara li indaga ftit kemm mal-Waste Serv kif ukoll ma żewġ kuntratturi ewlenin f'pajjiżna, li huma l-*Green mt* u *Green pak*, jirriżulta li hemm xi kunsilli lokali li diġa' daħlu fi trattattivi ma' dawn il-kumpanija, kemm biex jinġabar l-iskart riċiklat ta' nhar ta' Tlieta, u anke saħansitra biex jiddisponu minn dak tal-*Bring in sites*. Infatti kumpanija minnhom tipprovdi reċipjenti ferm aktar puliti u addattati għal dan l-iskop. Dwar dan se nkomplu nindagaw aktar għaliex jirriżulta' li f'dawn il-kunsilli tant saret faċli li tissepara, li awtomatikament tnaqqas l-iskart magħruf bħala l-*Mixed Organic Waste* u għalhekk it-tariffi tar-rimi fil-landfill, minkejja li kien konfermat li l-Gvern Ċentrali diġa' għadda l-allokazzjoni ad hoc għax-xhur Ott-Diċ 09. Dwar aktar tagħrif biex in-nies titħajjar aktar tissepara, se ndaħħlu rokna fil-fuljett dwar dan l-istil ta' ħajja.

9. Fil-punti mill-minuti reġa' ssemma l-**bini ta' l-istekkat** li issa ilu jissemma', tant li anke konna stedinna lis-sid jiġi ħalli jispjega kollox lilna. Dwar dan is-Sindku kien qal li l-ħajt iżżarma u tpoġġa' mal-linja tal-bini li tat il-MEPA skond l-iskema tal-bini, minkejja li l-parti t-twila tiegħu (peress li kien kantuniera) ma ċċaqalqitx.

10. Issemmiet il-proposta ta' tpoġġija ta' **tabelli informattivi** ma' monumenti storiċi fir-raħal, u l-proġett maħsub li jsir bi sħab ma entita' oħra, biex ikun hemm għarfien internazzjonali dwar dawn is-siti tant importanti. Matul din il-laqgħa kien deċiż illi nerġgħu nagħmlu kuntatt mas-Sur Alexis Callus li għadu ma kellimniex wara li konna għażilna l-materjal fuq is-*samples* li tawna huma. Minkejja dan, se naraw jekk *Horace Enterprises* jagħmilx *engraving* fuq *perspex* tal-kelmiet li se nisiltu mit-test ta' Pawlu Callus, li jagħtu ħjiel dwar dawn is-siti, kemm bil-lingwa ingliża kif ukoll bil-Malti. Kien hemm proposta li niltaqgħu kumitat iffurmat minn tliet kunsillieri biex inqassru din l-informazzjoni, minkejja li d-DSE se jagħmel xi xogħol fuq dan.

11. It-talba biex l-**art tal-Gvern f'Ta' Amparell** li qed jintrema' diversi skart fiha, tiġi riabilitata, intbgħatet lill-Kummissarju ta' l-Artijiet kif kienet il-fehma tal-KLĦS. Madankollu, jidher li hemm biċċa art oħra maħmuġa u abbandunata f'Ta' Ġawhar, li se nitolbu l-istess ħaġa dwarha.

12. Issa ġie mitmum ix-xogħol fuq it-**tinda proposta għall-ispettaturi** li jkunu qed isegwu l-logħob tal-futbol biex jistkennu taħta waqt il-maltemp. Din inbniet viċin il-*pitch* sintetiku u ġiet għolja madwar sular. Is-Sindku fakkar li din inħadmet kollha kemm hi mill-ħaddiema ta' l-IPSL assenjati mal-Kunsill.

13. Għadna ma sibniex ġurnata idejali għas-Sindku ta' San Lawrenz biex dan ikollu ċ-ċans jiġi jitkellem magħna fuq il-proposti ***pannelli fotovoltaiċi*** li l-Kunsill qed jipprepara biex jinċentiva lir-residenti tagħna b'sussidju addizzjonali minn dak tal-Gvern, ħalli jinstallawhom fuq il-bjut. Dan il-proġett qiegħdin naħdmu fuqu fi stadju preliminary, u għal issa qed nevalwaw x'hawn fis-suq.

14. Saret l-oġġezzjoni minn naħa tal-KLĦS għall-proposti rati esaġerati mid-Dipartiment għall-Indafa Pubblika li jikkonċernaw il-**knis u t-tindif tat-toroq**. Il-Kunsill lest li jekk dawn jibqgħu iwebbsu rashom, u jgħollu l-ispejjeż, nikkunsidraw li noħorġu kuntratt ġdid.

15. Dwar l-***istatement*** **mill-*Environmental Landscapes Consortium*** li intbgħat ftit tal-ġimgħat ilu, jidher li minkejja li tlabnihom kemm-il darba kopja tal-kont (invoice) dawn naqqsu li jgħadduhielna u lanqas biss nafu jekk ix-xogħol kienx dwar trattament tal-palm għad-dud tal-bumunqar l-aħmar jew inkella għaż-żabra ta' l-istess palm. Id-DSE qal li hu żgur li mill-uffiċċju tagħna ma ntbagħtet l-ebda *purchase order* uffiċjali għal dawn ix-xogħlijiet.

16. Intbgħatet l-ittra li fiha pproponejna li f'Jum Ħal Safi tittella' esebizzjoni ta' galleriji maltin, kif propost mill-MEPA, f'korrispondenza li rċevejna. F'dan il-punt Dorianne Zammit qalet li għadhom kemm ġew imħabbra id-dati li fihom il-QT il-Papa se jżur lil gżira tagħna u inċidentalement dawn se jaħbtu is-17 u t-18 ta' April, 2009. Għaldaqstant, il-KLĦS ippropona li jċaqlaq **Jum Ħal Safi għall-11 ta' April, 2010.** B'din il-bidla se navżaw lill-Parroċċa għaliex dawn is-soltu jġibu l-avveniment ta' Jum Ħal Safi fil-kalendarju tagħhom li jippublikaw bejn il-Milied u l-ewwel tas-sena.

17. Dwar il-proposta li jsiru ***exhibition boards*** ta' l-injam għall-KLĦS, se ninfurmaw b'din il-proposta lis-Sur Joe Schembri, il-ħaddiem ta' l-IPSL, biex jixtri l-materjal li se jkun jikkonsisti f'seratizzi u folji ta' l-injam, biex jibnihom hu stess, ħalli niffrankaw xi ħaġa.

18. Kien hemm diskussjoni wkoll dwar il**-mappa ta' Ħal Safi** li se npoġġu għall-pubbliku fi *frame* f'post viċin iċ-ċentru. Id-DSE se jindaga mal-MEPA l-ispejjeż għall-istampar ta' din il-pjanta li jinħtieġ li jkollha l-ismijiet tat-toroq kollha anke jekk mhux possibbli li dawn isiru minnhom u possibilment jitpoġġew mill-istampatur Printright, li jkun jista' jaġġmel kopja b'modifika fiha. Id-daqs ta' din il-pjanta irid ikun bejn wieħed u ieħor ta' metru tul u metru wisgħa.

19. Issemmiet tabella tal-**Merħba** li għandna fid-daħla ta' Ħal Safi u l-bżonn li din tiġi rranġata għaliex għandha l-arma ta' Ħal Safi, mibruma. Dwar dan irid isir kuntatt mal-isponsors ta' din it-tablella, jiġifieri l-HSBC li huma stess għandhom il-fornitur tagħhom ad hoc.

20. Dwar il-***hampers*** li ssoltu jsiru għal dawk li ma jistgħux joħorġu minn djarhom, se nagħmlu lista ġdida korretta wara li nitolbu l-lista li għandha preżentement il-Parroċċa u li jagħmlu użu minnha, l-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin.

21. Peress li l-KLĦS mhux se jagħmel attivitajiet pubbliċi għall-Milied u l-ewwel tas-sena, minħabba l-mard tas-*Swine Flu*, is-Sindku ippropona li għal nhar ta' l-4 ta' Jannar, 2009 fl-attivita' li se tkun organizzata mid-*Day Centre* għall-Anzjani, nagħtu **rigal żgħir** lilhom. Minkejja li s-Sindku qal li dan għandu jservi ta' rikonoxximent għal dawk li baqgħu jiġu d-*Day Centre*, meta l-proposta tressqet għall-votazzjoni m'għaddietx bi tliet voti kontra tnejn u dawk li vvutaw kontra qalu li vvutaw hekk mhux minħabba flus, iżda minħabba li jista' jinħoloq diżgwit. Għaldaqstant dawn il-ħamsa u tletin anzjan imsieħba se jingħataw xi ħaġa ta' l-ikel żejda dak in-nhar.

22. Wara l-**laqgħa** ta' nhar il-Ħadd, 29 ta' Novembru, 2009 mal-ġenituri tat-tfal li jattendu n-***nursery***, is-Sindku u l-Viċi Sindku qalu li l-proposta illi jkun iffurmat kumitat, issa m'għadiex fl-ajru, u jidher li donnu hemm min dieħel għal dan l-impenn. Sadanittant, jidher li kien hemm proposta oħra biex naraw jekk nistgħux nestendu l-etajiet minn dawk ta' taħt it-tlettax għal ta' taħt il-ħmistax-il sena, ħalli sakemm jitwaqqaf il-kumitat tal-kbar, dawn ma nitilfuhomx. Infatti minn informazzjoni li għandu l-KLĦS, qed jiġu avviċinati anke l-*ex-players* tal-futbol biex jifforma dan il-kumitat.

23. Il-**ġeneratur ta' l-elettriku** issa inxtara, u dan se jibda' jintuża mill-ħaddiema tagħna għal xogħol ta' kostruzzjoni ta' bankini.

24. Lil **Polidano issa ħallasnih** għax-xogħolijiet kollha li kien għamel.

25. L-avviżi fuq il-kartelluni tan-***neighbourhood watch***, tpoġġew kif kien propost fis-seduti preċedenti ħalli jkun hawn aktar għarfien għal dan is-servizz.

26. Kif jippermetti t-temp se jsir it-taħwil ta' siġar tal-Hibiscus biswit il-*bring in site* fi Triq il-Kuċċard u ta' l-Awrikarja fil-Karwija, kif ukoll it-taħwil tas-sardinell fl-inħawi pubbliċi fil-lokalita' tagħna.

27. Qed nippruvaw insibu bilanċ kemm bl-infurzar kif ukoll bl-edukazzjoni biex ma nibqgħux naraw **klieb jiġru barra u jħammġu bankini** u l-passaġġi fil-ġonna tagħna.

28. Wara ż-żjara fostna ta' l-uffiċjali ta' ***Sterling Security,*** se niddiskutu mal-Uffiċjal Awtorizzat, is-Sur Dennis Vassallo, biex il-Kumitat Konġunt jipprova jakkomoda l-proposti tagħna ta' tpoġġija ta' gwardjani f'postijiet strateġiċi f'ħinijiet u ġranet parikolari.

29. Fis-6.40pm il-Kunsill Lokali Ħal Safi laqa' lill-Perit Robert Musumeci biex jagħtih aktar tagħrif dwar ix-xogħlijiet ta' **Misraħ ta' San Ġużepp**. L-ewwel li ma' kien diskuss, kienet l-emenda li għadda l-Perit Musumeci lill-MEPA, wara li hekk kien talab il-Kunsill f'laqgħa li kellu miegħu. Il-perit qal li kien hemm diffikulta' fuq kurva li wasslet għal staġnar fil-ħruġ tal-permess.

30. Wara din id-diffikulta' li kienet imsemmija u li jinħtieġ li l-perit jitkellem dwarha speċjalment ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, id-diskussjoni kompliet dwar l-offerta innifisha. Hu qal li din fiha dsatax-il *item* u fiha, hemm kontinġenza ta' 10%. Hu qal li jista' jkun li l-Kunsill qed jara din l-istima għolja għas-sempliċi raġuni li hu għamel ***'provision'* għal kollox**. Il-Perit spjega li l-kritika s-soltu tkun, għaliex ma jkunx hemm *provision* għal xi ħaġa u imbgħad issir xorta bl-*extra overs* li jisplodu l-kont finali, u mhux bil-kontra. Hawn intqal, illi fejn nafu li mhux se jitilgħu il-karozzi, nistgħu nevitaw il-konkos li jingħata bħala sodda kif ukoll il-pavimentar għax il-perit qal li l-*'onus'* qiegħed f'item 7 jiġifieri fil-konkos. Għaldaqstant kien hemm is-suġġeriment illi nbiddlu l-materjal biex ikun ftit aktar inferjuri mill-porfido li jissuġġerixxi id-dokument tat-*tender*. Il-Perit qal li ma nistgħux pero' mmorru għal materjal li ma jixraqx liċ-ċentru urban bħal xi patterned *concrete,* għax dan jirriġettawh il-MEPA, minħabba insensitivita'. Madankollu xorta waħda se jsir l-ippavimentar bil-madum, filwaqt li kien ikkunsidrat materjal ieħor bħall-lava, u *hardstone* peress li l-KLĦS għandu diffikulta' biex jiffinanzja il-proġett b'dak suġġerit, il-porfido. Dwar dak li ntqal mill-kunsillieri, illi jista' jiġi kuntrattur u jgħidilna li jrid jitħallas għal xogħol li ssemmi l-offerta, u li ma jkunx wettaq, il-Perit qal li dan jitħallas dejjem għal xogħol li jkun sar għaliex il-kuntratt hekk jesiġi (*quantities are indicative*). Hawn il-Perit talab lil Kunsill jinfurmah x'inhu l-budget tiegħu. Is-Sindku qal li sa' €40,000, l-istima tibqa' waħda fattibbli. Madankollu, peress li issa se nibdlu l-materjal, għandna noħorġu offerta ġdida (fil-gazzetta tal-Gvern u l-Independent biss) u saħansitra se nnaqqsu l-items, 16 u 17 (jiġifieri tal-pompa u tal-bankijiet) liema xogħol se jagħmilhom il-Kunsill bil-ħaddiema tiegħu. F'dan id-dokument il-konkos se jonqos b'terz filwaqt li r-*rainwater pipes* se jitħallew fl-offerta għaliex dawn jiggarantixxu il-pendil permess ta' 1 f'40. L-offerenti li tefgħu l-offerta se jkunu jistgħu ma jħallsux għall-offerta l-ġdida filwaqt li se nagħmlu previżjon biex ngħaddu *wire* taħt l-art, ħalli tinxtgħel il-pompa bil-lejl. Il-perit ħalla l-kamra fis-7:15pm.

31. Il-KLĦS iddiskuta l-bżonn ta' **installar ta' *cctv cameras*** fi Triq iż-Żurrieq. F'dan il-punt intqal li b'din l-għodda, nistgħu naqbdu 'l min qed iħalli l-kelb iħammeġ, filwaqt li inkunu nistgħu naqbdu lil dawk kollha li jinżlu kontra l-one-way.

32. Dwar il-ħmieġ minn **awrina li kienet qed isib il-kuntrattur biswit il-bieb tal-latrina pubblika** viċin il-bini tal-KLĦS, intqal illi saret l-għassa bis-cctv u inqabdet mara miż-Żurrieq tagħmel l-awrina fl-art wara li l-kuntrattur qabditha fil-fatt. Is-Sindku qal li 'l din se nwissuha.

33. Dwar it-***trailers*** li tneħħew minn Triq il-Kuċċard, il-kunsillieri nnutaw li sfortunatament dawn reġgħu ġew fejn kienu qabel. B'dan in-nuqqas se nkellmu lill-awtoritajiet ċivili.

34. Dwar il-**petizzjoni li rċevejna** fejn fiha bosta residenti iffirmaw u oġġezzjonaw għall-ispustjar tal-*bus-stop*, kien deċiż illi nibgħatu l-petizzjoni wkoll lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta. Sadanittant lil Ms Mary Cutajar, il-persuna li mexxiet il-petizzjoni, se ninfurmawha bl-ittra tagħna lill-ADT.

35. Kienet diskussa l-**għażla ta' Segretarju Eżekuttiv**. Hawn Pietru Pawl Busuttil qara ittra li rċieva minn għand wieħed mill-applikanti, is-Sur Derren Busuttil, datata 30 ta' Novembru, 2009. Hu qal li dan ta klarifika dwar il-ħinijiet li dispost li jagħmel ġewwa dan il-Kunsill f'każ li jiġi magħżul. Il-Kunsill iddiskuta dan kollu fil-kuntest illi ħadd ma jista' jobbliga lill-impjegati jidħlu kmieni għax-xogħol bejn is-7.30am u t-8.00am. Intqal ukoll li wara l-5:30pm sa tard fil-għaxija, is-SE se jkun waħdu kif ukoll ikun akkumpanjat ma' impjegata nhar ta' Sibt fil-għodu. F'din l-ittra hu qal li irranġa biex jattendi il-laqgħat li jkun hemm għas-SE fil-għodu, ġaladarba hu ikun jaf bihom minn qabel. Għaldaqstant is-Sindku ressaq ir-riżoluzzjoni għall-vot, jiġifieri li l-Kunsill Lokali Ħal Safi jagħżel lil Derren Busuttil għal ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv. Publius Abdilla ssekonda u Jimmy Busuttil approva, filwaqt li Eddie Bonello u Francis Callus astjenew minħabba li mhux sodisfatti mill-indisponibilita' waqt il-ħin normali tax-xogħol minn Derren Busuttil. Huma qalu li qed jagħmlu hekk għaliex dan se jbati biex jaqbad l-art, u l-Kunsill, fl-opinjoni tagħhom, se jkunu qed inaqqas l-effiċjenza tax-xogħol tiegħu ta' kull jum.

36. Il-Kunsill se jiddiskuti l-pjanti li kienu approvati dwar il-**proġett ta' mmaniġġjar tat-traffiku fi Triq San Ġwann** fil-laqgħa li jmiss.

37. Kienet approvata l-**Payment Approval Sheet 37**, b'żieda ta' item ieħor dwar il-meter ta' l-elettriku biex jinxtgħel id-dwal dekorattiv tat-toroq fil-Milied.

38. Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-**kostruzzjoni ta' biċċa bankina** fi Triq San Pawl. Din għaddiet unanimament.

39. Il-laqgħa ntemmet fid-9.00pm u l-Kunsill se jiltaqa' nhar il-Ħamis, 17 ta' Diċembru, 2009 fl-istess ħin.

magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 17.12.09 minn Pietru Pawl Busuttil
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku